MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Numru. 21/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN FENECH**

**KONTRA**

**GEORGE DEBONO ta’ 38 sena, iben Frans u Josephine nee’ Mifsud, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Mejju, 1973, residenti fil-fond 7, Valletta Road, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 260273M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **George Debono** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta’ Settembru, 2006 bejn it-8am u l-10am, bil-hsieb li jikkommetti serq mis-sala Rose Cottage,

f'Hal-Far, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ttenta li jisraq diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-Lm50.00, liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u l-valur ghad-dannu ta' Joseph Lia minn Haz-Zabbar, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Joseph Lia, liema ammont ta' hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00);

3. U aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datat 27.10.1993 u 01.02.2002, liema sentenzi saru definittivi ma ma jistghux jigu mibdula.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, kif ukoll illi ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza bdiet in kwantu certu Vincenzo Camilleri, waqt illi kien qieghed jaghti daqqa t'ghajn lil Ville ex Golden Bar gewwa Hal-Far, dan ra zewg persuni hdejn l-istess fond, u ra wkoll karozza mohbija pparkjata mal-hajt. Ta' din il-karozza hu ha n-number plate u tah lill-pulizija. Qal illi kienet Hyundai kulur l-irmied. Qal illi sab il-bieb imfarrak mill-hgieg.

Ghalkemm l-istess Camilleri aktar tard fil-presenza tal-pulizija gharaf l-istess vettura, huwa qatt ma gharaf liz-zewg persuni li ra vicin il-fond. Illi ghalkemm jidher car illi l-fond de quo sar attentat ta’ serq fuqu, almenu in kwantu gie sgassat, ma ngabu xejn aktar provi li jorbtu lill-imputat ma’ l-akkuzi, ghaldaqstant qed jigi debitament liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------